## Ftit ideat għall-klassi dwar il-ktieb

# Ejja Nsajru Poeżija

**Hawnhekk qed inressqu ftit suġġerimenti u ideat għal dawk l-għalliema li jitħajru jużaw dan il-ktieb fil-klassi. Infakkrukom li dawn huma biss *suġġerimenti* u għalhekk għandhom jiġu mmodifikati u rranġati skont il-livell u l-età tat-tfal. Għall-eżerċizzji ssuġġeriti, tajjeb li t-tfal jaħdmu fi gruppi, biex b'hekk ikollhom l-opportunità jaqsmu l-ideat tagħhom flimkien u jiddakkru minn xulxin.**

## Il-fqir jgħix ġo dar tad-deheb (p.5)

Din hija poeżija mibnija fuq il-kontradizzjonijiet.

Jekk huwa fqir, ma jistax ikun qed jgħix ġo dar tad-deheb!
Ma jistax ikun li ġennien ma jkunx jaf isaqqi ... eċċ.

*Eżerċizzju:*
*Ivvintaw aktar kontradizzjonijiet bħal dawk tal-poeżija.*

*Eż:*
1. *Ir-rieqed jippassiġġa fit-triqat.*
2. *It-Taljan jitkellem biss bl-Għarbi.*
3. *Sajjart fenkata bit-tiġieġ.*
4. *Mort 'il quddiem b'lura.*
5. *Tlajt sa qiegħ il-baħar.*

Fil-folkor tagħna teżisti taqbila antika b'dawn l-kontradizzjonijiet:

*L-agħma qagħad għassa,*
*Ta' bla jdejn jaqta' r-rummien,*
*L-għarwien jixħtu ġo ħobbu,*
*Ta' bla saqajn jiġri quddiem.*

## Ir-Riġel tar-Raġel (p.4)

Normalment, il-kliem li jkollu l-istess konsananti tal-għerq, ikollu wkoll l-istess rabta fit-tifsira. Ngħidu aħna, il-kliem kollu bl-għerq ta' K-T-B, għandu x'jaqsam mal-"kitba".

*Eż: ktieb, ktejjeb, kittieb, miktub, mikteb … eċċ.*

Iżda dil-poeżja qed tippreżenta kliem li għalkemm għandu l-istess konsonanti, ma jidher li għandu ebda rabta fit-tifsira:

BuQaR m'għandha x'taqsam xejn ma' BaQaR
SaFaR m'għandha x'taqsam xejn ma' SoFoR
*Eżerċizzju:*
*Eż: Iktbu kliem li fih il-konsonati Q-S-M*
*(qasam, qassam qasma, maqsum, qsim, taqsima …)*

---

## Naf nikteb (p.32)

Din hija taqbila sempliċi fejn kull ittra tibda bin-"n".

*Eżerċizzju:*
*Iktbu sentenza li fiha kull kelma tkun tibda bil-…*
*F – Fredu Farrugia fittex frotta friska.*
*M – Mort mixja ma' Mario.*
*S – Sibna suffara safra.*
*T – Torri tat-tafal tassew twil.*

---

## Il-qawsalla tiegħi (p.12)

F'dil-poeżija umoristika, il-kittieb qiegħed jassoċja l-kuluri tal-qawsalla ma' inċidenti negattivi f'ħajtu. Għalkemm il-qawsalla hija simbolu tal-paċi, il-kuluri tagħha lilu jfakkruh f'xi ħaġa kerha.

*Eżerċizzju:*
*Minbarra l-kuluri tal-qawsalla x'kuluri oħra hawn?*
*kannella, griż, iswed, abjad, ċelesti, lelà, pistaċċa, roża, krema …*

*Kuluri aktar speċjalizzati:*
*maġenta, akkwamarin, utramarin, maroon, sepja …*

*Nistgħu nsemmulhom ukoll:*
*isfar lellux, aħmar nar, aħdar ħaxix, abjad karti/silġ,*
*iswed dlam/faħam, ikħal nir …*

---

## Ejja nsajru poeżija (p.3)

Din il-poeżija titkellem dwar il-ġmiel tal-poeżija nnifsiha. Hawnhekk il-*kitba* tal-poeżija qed tiġi mibdula f'*riċetta.* Il-kittieb donnu jrid jgħidilna li l-poeżija hija wkoll *ikel*; iżda minflok ikel *materjali* huwa ikel *kulturali.*

Lit-tfal nistgħu nippreżentawlhom din il-"formola" u ngħidulhom:

> "Ejja *nsajru* film!"
> *Eż:*
> *Naqbdu żewġ ħallelin u nħalltuhom ma' mitejn elf ewro.*
> *Imbagħad naqlu kollox ġol-palazz ta' wieħed sinjur.*
> *Sadattant inpoġġi l-kitla bil-misħun u nistennew sa ma tibda ssaffar u twerżaq* bħall-karozza tal-pulizja.
> *Imbagħad noħorġu l-ħallelin minn ġot-taġen u nsakkruhom fil-ħabs tal-friġġ.*

---

## Kartolini (p.13)

Dil-poeżija turina kif id-drawwiet jinbidlu minn ġenerazzjoni għal oħra.

Bħala kontinwazzjoni tal-lezzjoni, tista' tħajjar lit-tfal jistaqsu lin-nanniet tagħhom jekk jiftakrux xi drawwiet ta' tfulithom (jew stil ta' ħajja) li llum m'għadhomx jeżistu.

> *Eż: il-moda fl-ilbies u fl-istil tax-xagħar, xi tip ta' ikel, trasport, safar, festi, flus deċimali ... eċċ.*

---

## L-għasfur tar bija (p.26)

Din hija logħba bil-kliem meta żewġ kelmiet separati (tar = l-għasfur <u>tar</u> + bija = daħak <u>bija</u>) jiffurmaw kelma sħiħa (tarbija).

> *Eżerċizzju:*
> > *Sibu aktar kliem bħal dan:*
> > *Eż: mus + mar = musmar*
> > *sar + din = sardin*
> > *re + ma = rema*
> > *ċar + rat = ċarrat*
> > *kamp + nar = kampnar*
> > *mar + tin = Martin*

---

## **Bla sens u bis-sens** (p.25)

Din il-poeżija tista' tkun il-punt tat-tluq biex it-tfal jitgħallmu jużaw id-dizzjunarju billi jfittxu l-kliem skont l-ordni alfabetiku.

*Eżerċizzju:*

*Poġġi dan il-kliem wara xulxin skont l-ordni alfabetiku.*

*dar, arblu, nemusa, martell, brazzuletta, djamant, brieret, artal, dramm, nuċċali, muntanja, bankina ...*

---

## **Xogħlijiet** (p.6 )

F'din il-poeżija, għandna kelma ġo kelma.

*Eż:* Fil-kelma *baħrija* hemm l-kelma *baħri.*
Fil-kelma *vjolinist* hemm l-kelma *vjoli.*
Fil-kelma *bennej* hemm l-kelma *nej.*

*Eżerċizzju:*

*Ara t-tfal jistgħux isibu kelma ġo kelma.*

*Eż: sul**tana** – **bank**ina – **suf**fara – suf**far**a – suff**ara** – ka**boċċa** – **perl**ina – xa**din**a – **kull**ana – **qatt**usa*

---

## **Jekk** (p.31)

Għalkemm din hija biss taqbila umoristika, nistgħu ngħinu t-tfal josservaw li kliem li jkollu l-istess struttura, mhux bilfors ikollu wkoll l-istess plural.

XATT u PATT għandhom l-istess struttura u ħoss, imma l-plural tagħhom huwa differenti.
Nistgħu niġbdu l-attenzjoni tat-tfal għall-fatt li fil-Malti, nom jista' jkollu ħafna plurali differenti.
*Eż: salt dubbien, tnax-il dubbiena, żewġ dubbiniet, ħafna dbieben*

---

## **Fis-siegħa faqqas dudu** (p.10)

Hawnhekk qed naraw iċ-ċiklu tal-ħajja tal-farfett. Għalhekk il-poeżija hija ppreżentata forma ta' ċirku ... minn fejn tispiċċa, tista' terġa' tibda u tibqa' sejra hekk.

Din il-poeżija tista' sservi bħala l-punt tat-tluq għal diskussjoni dwar il-ċiklu tan-natura:

- Il-fjuri li qabel jitbielu u jispiċċaw, jagħmlu ż-żerriegħa ...
- Il-bnedmin u l-annimali, li qabel ma jmutu jħallu oħrajn biex ikomplu fejn ħallew huma ...
- Ix-xhur u l-istaġuni ...
- Il-ferħ u n-niket tal-ħajja ...

Kollox idur ċirku tond. Xejn ma jibqa' għal dejjem. Kollox jirrepeti.

## It-tombla u l-laqmijiet tan-numri (p.16)

F'din il-poeżija jissemmew il-laqmijiet ta' wħud min-numri tat-tombla. Iżda hemm laqmijiet oħra li ma jissemmewx, kemm ta' numri li ma ntgħażlux għall-poeżija, kif ukoll laqmijiet differenti għall-istess numru.

Ngħidu aħna, hawn min il-laqam *Ta' Ġuda* jużah għan-numru 13 u hawn min għan-numru 30.

*Eżerċizzju: Itlob lit-tfal jistaqsu lil xi zijiet jew nanniet jekk jafux aktar laqmijiet użati għan-numri tat-tombla.*
*Agħmlu lista tan-numri mill-1 sad-90 bil-laqmijiet kollha li ssibu.*

---

## F'ġieħ il-qaddisin (p.15)

Il-qaddisin jidħlu ħafna fil-kultura tagħna.

*Eżerċizzju: Araw issibux aktar każijiet fejn jidħlu l-ismijiet tal-qaddisin:*

*<u>Postijiet</u>: Santa Venera, Santa Luċija, San Pawl il-Baħar, San Ġwann, il-Bajja ta' San Tumas, l-Għadira ta' San Raflu …*

*<u>Triqat</u>: Agħmel lista tat-triqat li huma msemmijin għall-qaddisin, fil-belt/raħal tiegħek.*

*<u>Frażijiet</u>: Telagħli San Filep; dak qisu San Tumas …*

*<u>Qwiel</u>: Għal San Anard, iżra' f'kull art.*
*Għal San Luqa fiż-żara' tistaħba għattuqa.*
*Nhar San Mark ix-xita nar fl-art.*
*Dak li jagħqad sa San Mikiel jidħol fil-miżien.*

---

## Ras u rass (p.9)

Grammatikalment verbi bħal DAM, TAR, DAQ eċċ. jissejħu *verbi moħfija*, minbabba li fin-nofs ikollhom moħbija l-konsonanti dgħajfa W jew J.
Dam – Dewwem = D-(W)-M
Tar – Tajjar = T-(J)-R
Daq – Dewwaq = D-(W)-Q

(Iżda RAS, ĠAR u SIT huma nomi.)

Il-verbi b'vokali waħda u konsonanti doppja fit-tarf (RASS, SARR, DAQQ … eċċ.) jissejħu *verbi torox*. Imma dan m'hemmx għalfejn tispjegah lit-tfal. Urihom biss id-differenza fl-istruttura u l-ħoss bejn FIS u FISS, SAR u SARR … eċċ.

---

## Kollox bi tlieta (p.15)

Wieħed jista' jħajjar lit-tfal isibu kliem *b'erba' ittri* u wara jaraw jirnexxilhom jgħaqqduh f'sentenza ta' *erba' kelmiet*.

*Eż:*
*<u>Kliem</u>:* *mexa, beka, ħija, ħass, ziju, ftit, arka, skur, mard, ħuta, bard, tapp*
*<u>Sentenza</u>:* *Ħija ħass ftit bard.*
*Ziti sqiet ftit ilma lill-ġeru.*

---

## Strumenti u annimali (p.8)

F'din il-poeżija qed niltaqgħu ma' kliem li jinkiteb l-istess imma għandu żewġ tifsiriet.

*Eż:* *mandolina = frotta*
*mandolina = strument tal-mużika*

*Eżerċizzju: Sib aktar kliem bħal dan:*

*Ħall: żejt u ħall / ħall l-għoqda*
*Suq: suq il-karoza / mar jixtri mis-suq*
*Vjolin: strument tal-mużika / tip ta' għasfur*
*Ħut: ħut tal-baħar / ħut Mary jisimhom Peter u John*
*Far: ġurdien kbir / il-kafè għela u far*
*Ħmar: annimal / wiċċu ħmar bil-mistħija*
*Sħab: fis-sema / Jane u Christine sħab fin-negozju*

---

## Il-flora fit-tastiera (p.30)
## Bu bu … kollox bil-bu (p.20)

Il-poeżija *Il-flora fit-tastiera* qed tinqeda bl-ittri tat-tastiera (il-keyboard) biex tlaqqa' lit-tfal ma' diversi ismijiet ta' fjuri. Il-poeżija *Bu bu … kollox bil-bu* wkoll għandha l-għan li tippreżenta ismijiet ta' flora u fawna li t-tfal ma tantx huma midħla tagħhom.

Din tista' tkun okkażjoni tajba biex ngħallmu lit-tfal ftit ismijiet ta' fjuri selvaġġi li nsibu fil-kampanja. Ħafna tfal qatt ma jkunu semgħu b'dawn l-ismijiet u wisq inqas raw il-fjuri. Xi wħud forsi jkunu rawhom u ma tawx kashom.

Fuq l-internet jeżistu siti li juru l-istampi tal-fjuri u l-ismijiet tagħhom bil-Malti.

Tajjeb ukoll insemmulhom li l-fjura nazzjonali hija *Widnet il-Baħar*, is-siġra nazzjonali hija s-*Siġra tal-Għargħar* u l-għasfur nazzjoni huwa l-*Merill*. Dawn ukoll wieħed jista' jsib stampi tagħhom fuq l-internet.

---

## **Kulħadd marid** (p.28)

Din il-poeżija fiha l-logħba ta' *kelma ġo kelma* bħalma rajna fil-poeżija *Xogħlijiet.* Hawnhekk iżda qed naraw ismijiet ta' mard moħbijin f'ismijiet ta' nies jew xogħlijiet.

Ma' din tista' tgħaqqad ukoll dawn il-mistoqsjiet bħala logħba bil-kliem:

1. Għaliex jekk tiekol ħafna ċitru tista' titlef il-vuċi? (Għax ikollok larinġite)
2. Biex jimrad min jiekol soppa tal-ġdur? (Bil-ġidri)
3. Biex imtela l-ħmar iż-żgħir ? (Bil-felul ... ħmar żgħir = felu)
4. Xi ġralu l-pinnur tal-kampnar? (Ħa riħ)
5. L-għaliex ix-xemx qatt ma tintilef minn sensiha? (Għax qatt ma jagħtiha "tal-qamar")
6. Fejn weġgħu dak li ntilef f'Wied il-Kbir? (il-fwied ... f'wied)
7. Meta jkollok il-ħadid f'ġismek? (Meta jitlagħlek musmar)
8. Biex kien ibati Ġlormu Cassar? (Bil-ġebla)
9. Meta jkun jaqbillek iżżomm 'il bogħod min-nar? (Meta jkollok il-gass)
10. Meta mediċina tkun moħbija? (Meta tkun mistura)

---

## **Tigra** (p.33)
## **Ismijiet f'ċirku** (p.23)
## **X'se nsemmuhom ...?** (p.22)
## **Aktar ismijiet** (p.24)

Dawn huma erba' poeżji/ċajtiet dwar l-ismijiet.

Abbinat magħhom jista' jsir eżerċizzju fejn it-tfal jinqasmu fi gruppi u kull grupp jintalab isib ħames ismijiet ta' tfal minn pajjiżi differenti.

Eż:

| **Taljani** | **Franċiżi** | **Spanjoli** | **Ġermanżi** | **Afrikani** |
|---|---|---|---|---|
| *Adele* | *Amelie* | *Malena* | *Willa* | *Amara* |
| *Giorgia* | *Juliette* | *Mariana* | *Ida* | *Zahara* |
| *Giulia* | *Andrè* | *Esmeralda* | *Otto* | *Fatima* |
| *Roberto* | *Antoine* | *Diego* | *Wolf* | *Amadi* |
| *Luciano* | *Claude* | *Cruz* | *Fredrick* | *Faraji* |

*Jistgħu wkoll ifittxu t-tifsira ta' isimhom:*
*Eż: Carlo = bniedem ħieles, liberu*
*Darlene = għażiża, maħbuba*

---

## **Skantat** (p.14)

Din il-poeżija fiha kliem li t-tfal x'aktarx mhumiex midħla tiegħu. Għalhekk tajjeb li tispjegahulhom billi jaraw it-tifsira tiegħu f'paġni 57-58.
Jistgħu wkoll jippruvaw jużaw xi ftit minnu f'sentenzi.

Il-kliem kollu tal-poeżija jibda bl-"s" u konsonanti oħra warajha.

*Eżerċizzju:*

*Itlob lit-tfal isibu kliem jibda b'żewġ konsonanti (eż: kr...)*
*kriżi, krozzi, krejn, kreaturi, kriminali, krema, kraxx, Kristjani, kristall, kruċjata, kripta, kruha, krudeltà, krib ...*

---

## **Hija u jiena** (p.9)

F'kull vers ta' din il-poeżija hemm nom u aġġettiv li jirrimaw.
*Lumija moħlija / dubbiena għajjiena*

*Eżerċizzju: Sib nom u aġġettiv li jkunu jirrimaw:*
*Eż: fellus gustuż / xadin ħanin / djar kbar / ħamrija ħamranija / fjura skura*

---

## **B'sillaba waħda** (p.14)

Ma' din il-poeżija wieħed jista' jgħaqqad lezzjoni dwar is-sillabar.
Il-kliem kollu ta' din il-poeżija ma jistax jinqasam għax għandu biss sillaba waħda.

*Eżerċizzju:*
*Ħu kliem minn dil-poeżija, żidlu ittri oħra miegħu sabiex tkun tista' taqsmu f'sillabi:*
*Eż: mar = marru = mar-ru*
*kowt = kowtijiet = kow-ti-jiet*
*kiel = kielet = kie-let*
*ħall = ħallejna = ħal-lej-na*

---

## **Stanza stampa** (p.32)

Din it-tip ta' logħba *bil-kliem u l-istampi* tissejjaħ REBUS.
Bi ftit tal-ħsieb, it-tfal jistgħu jaslu biex huma wkoll jivvintaw REBUS ħafif.

Eż:

 + ina = ? (Bankina)

Sun +  + a = ? (Sunnara)

ka +  = ? (Kaboċċi)

---

## **Fejn?** (p.29)

Din il-poeżija tħares b'mod immaġinattiv lejn affarijiet ta' kuljum bħall-kuluri, id-dawl u d-dell, il-lejl u n-nhar, eċċ. Għalkemm nafu li hawn spjegazzjoni xjentika għal dawn kollha, il-poeżija jimpurtaha biss mill-fantasija. Il-ħolm li jissemma fit-tmiem mhuwiex biss il-ħolm ta' billejl, imma aktar minn hekk huwa l-ħolm (l-aspirazzjonijiet) tagħna.

---

## **Bħall-annimali ...** (p.7)

*Eżerċizzju: Taf ssib tixbihat oħra bejn l-annimal u l-bniedem li ma jissemmewx f'din il-poeżija?*
*Eż: jiekol daqs ħanżir, jaħdem daqs kelb / bagħal, selvaġġ daqs bodbod, jgħajjat daqs ċawla, fuq tagħha daqs debba, jirrepeti (bla sens) bħall-pappagall*

---

## **kk ... mill-ġdid!** (p.34)

Din il-poeżija tippreżentalna sitwazzjonijiet assurdi fejn jidħol l-ilbies; iżda fit-tmiem tagħha turina li għalkemm dawn huma tassew redikoli, xi drabi l-imġiba tagħna tkun tixbah lil dawn.
Iddiskuti mat-tfal li kull meta *nesaġeraw f'dak li nagħmlu* (meta mmorru fl-estrem) inkunu qed nirriskjaw li naqgħu fir-redikolu.

*Eż: Meta wieħed jesaġera fl-istil tax-xagħar, fit-tattoos, fil-body piercing ... eċċ.*

Nota: Suġġett bħal dan jiġi ppreżentat u diskuss skont l-età u l-maturità tat-tfal.

---

## **Dawk id-dgħajjfin** (p.28)

Hawnhekk għandna logħba ħafifa sseħħ meta l-J tinbidel mal-W.
Nistgħu nestendu din il-logħba billi nippruvaw nibdlu konsonanti oħrajn, fi kliem differenti.

*Eż: ċaPPas = ċaLLas, qaXXar = qaTTar, teRRaq = teLLaq,*
*waSSal = waĦĦal, beRRaq = beŻŻaq, faQQar = faTTar,*
*daBBar = daKKar, saKKar = saMMar, taBBab = taLLab*

---

## **Kieku kieku ...** (p.19)

Hawn qed jitlaqqgħu flimkien diversi karattri fittizji: Zorru u D'Artagnan, William Tell u Robin Hood, Rapunzel u Snow White ... eċċ.

*Eżerċizzju:*
*Iktbu diskursata bejn tnejn minn dawn il-karattri (eż: Superman u Hulk), jew żewġ karattri oħra mill-istejjer.*
*Eż: bejn Ġakki u l-ġgant; bejn Kunċett u Marinton; bejn Barnuża Ħamra u l-Lupu, bejn Nokkla Safra u l-Orsjiet; bejn Pinokkjo u Ġeppetto ...*

---

## **Gemgem** (p.18)

Taqbila bl-onomatopea!
Iġbed l-attenzjoni tat-tfal lejn dawn it-tip ta' verbi li jimitaw il-ħoss tal-azzjoni, u li ħafna minnhom ikunu magħmulin minn sillaba repetuta (tap + tap = taptap; żaq + żaq = żaqżaq).

*Eżerċizzju:*
*Min iżaqżaq? (il-bieb, żarbun ġdid)*
*Min ipespes? (għasfur, fellus)*
*Min iċafċaf?*
*Min itextex ... eċċ.*

---

# Dawwarli poeżija (p.35)

**Kif hemm mktub fil-ktieb stess, il-poeżiji ta' din it-taqsima tisgħtu tisimgħuhom moqrija u tarawhom miktubin b'mod animat, permezz ta' QR Code li hemm fil-ktieb.**

## Vizzju kbir (p.36)

Għalkemm din hija biss poeżija umoristika, wieħed jista' juża ċ-ċajta tagħha biex jitkellem dwar il-vizzju tal-gideb ... x'aktarx l-iżjed vizzju komuni fost it-tfal.
Nistgħu norbtu magħha l-gideb ta' Pinokkjo u l-imnieħer twil tiegħu kif ukoll l-istorja tat-tifel ragħaj u l-lupu, li meta kien mingħalih qed jiċċajta, il-gideb tiegħu wasslu fl-inkwiet.

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

## Li kieku (p.38)

L-istess bħal dik ta' qabilha, bis-saħħa taċ-ċajt u l-umoriżmu, din il-poeżija qed tgħinna nirrifettu dwar il-kliem żejjed.
Nistgħu ngħaqqdu magħha xi qwiel li jittrattaw il-periklu tal-kliem fieragħ.

*Eż:*

1. *Kieku l-kliem kien ġawhar, is-skiet aħjar minnu. (Aħjar is-skiet minn kliem żejjed.)*
2. *Il-kelma li toħroġ mis-sinna timla d-dinja. (Dak li tgħid, qatt ma taf sa fejn se jasal.)*
3. *Kliem fieragħ, ma jimliex l-imtieraħ. (Kliem vojt ma jagħmilx ġid.) mtieraħ = saqqijiet, plural ta' mitraħ*
4. *Il-kliem mistur, nofsu maħfur. (Jekk kliem iebes ma jkunx repetut, l-offiża tkun diġà nofsha maħfura.)*
5. *Il-kelma faħxija, bħat-triq waħxija. (Kelma kerha għandha tbeżżgħek daqs triq perikoluża.)*

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

## Għajjien mejjet (p.40)

Din hija poeżija li tippreżenta sett ta' idjomi b'mod umoristiku. Din tista' sservi ta' introduzzjoni għal lezzjoni dwar l-idjomi.

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

## **F'qiegħ il-baħar** (p.42)

Hawnhekk qed niltaqgħu ma' ħut u ħlejqiet tal-baħar li isimhom huwa l-istess bħal dak ta' annimali jew ħlejqiet ta' fuq l-art.
*Eż: kelb – kelb il-baħar, żiemel tal-baħar, stilla tal-baħar … eċċ.*

*Eżerċizzju: Agħmel lista ta' ħut u ħlejjaq tal-baħar, li fuq l-art insibu oħrajn bl-istess isem tagħhom: Eż:*

1. *Ħamiema Komuni – Common Eagle Ray*
2. *Gremxula tal-Baħar – Deep-nosed Pipefish*
3. *Ballottra tat-Tikek – Three-bearded Rockling*
4. *Ballottra tal-Ħama – Bearded Ophidion*
5. *Ħanżir-Burqax – Brown Comber*
6. *Bies – Flying Gurnard*
7. *Ċawla – Damsel Fish*
8. *Wiżgħa tat-Tikek Suwed – Blackspotted Fragonet*
9. *Mogħża – Sharpsnout Sea Bream*
10. *Fekruna Komuni – Loggerhead Turtle*

Stampi ta' dawn il-ħlejqiet jistgħu faċilment jinstabu minn fuq l-internet.

## **Fil-Milied** (p.44)

Bħala estensjoni tal-poeżija, nistgħu nżidu aktar drawwiet tal-Milied Maltin ma' dawk li diġà ssemmew.

*Eż: Il-purċissjoni tal-Mużew, il-prietka tat-tifel/tifla waqt il-quddiesa ta' nofsillejl u ikel tradizzjonali bħall-qagħaq tal-għasel u l-ixkumvat. Nistgħu nsemmu wkoll pasturi tradizzjonali bħal: l-għaġeb, ix-xabbatur, ir-rieqed, l-għannejja, taż-żaqq u tat-tanbur, l-adoratur … eċċ.*
*Jekk it-tfal ikun ftit akbar, nistgħu nsemmulhom il-Gawgaw u l-Irwiegel.*

Fil-ktieb *Drawwiet tal-Milied Maltin* (miġbur minn Trevor Żahra) wieħed jista' jsib ġabra sħiħa ta' drawwiet Maltin u tagħrif interessanti dwarhom.

## **Ma nistax norqod** (p.46)

Ftit mistoqsijiet:

1. Liema huma l-annimali li jissemmew?
2. Agħmel lista tal-kliem li jirrima. *(eż: nross – ħoss; ddur – mutur … eċċ.)*
3. Min kellu kelb iswed?
4. Fejn kien qiegħed il-grandfather clock?
5. X'ġara meta daqqu l-erbgħa?
6. Taħseb li sa fl-aħħar, il-poeta rnexxielu jorqod?

## **Il-mowbajl** (p.48)

Waqt li l-klassi tkun qed tisma' u tara l-poeżija animata (permezz tal-QR Code), it-tfal jistgħu jingħaqdu flimkien biex bħala "kor" itennu l-frażi:

"X'għarukaża! X'pastażati!"

Għalkemm x'aktarx li ħafna tfal ta' din l-età ma jkollhomx mowbajl, tajjeb li nibdew inkellmuhom fuq l-użu tiegħu u ngħallmuhom kif għandna nikkontrollawh.

---

## **Lina** (p.50)

Din il-poeżija tgħaqqad sitwazzjoni reali (Lina toħroġ tagħmel l-eżerċizzju fiżiku) mal-element ta' fantasija (il-ġganti mistagħġbin biha u l-gremxul u l-ġrieden ħarġu jittawlulha).

*Eżerċizzju:*

*Kompli s-sentenzi billi żżid sitwazzjoni ta' fantasija:*

1. *Waqt li konna sejrin l-iskola ____________________ (rajna qattus għaddej isuq mutur).*
2. *In-nanna sajret torta ___________________ (b'100 gramma sħab imħallat mal-kuluri tal-qawsalla).*
3. *Jennifer għandha kelb _____________________ (li jaf jitkellem u jaħdem is-somom).*
4. *Warajna bnew dar ____________________ (bil-gallettini u l-ħelu tas-Smarties).*
5. *Minflok karozza, missieri xtara _____________________ (tapit li jtir).*

---

## **Fil-ħanut tal-arluġġar** (p.53)

Fl-għeluq tagħha, din il-poeżija tagħmel distinzjoni bejn *iż-żmien* u *l-kejl taż-żmien.* Permezz tal-arloġġ, aħna nkejlu ż-żmien, imma anki li kieku l-arloġġi kollha tad-dinja kellhom jieqfu, *iż-żmien* xorta waħda jibqa' għaddej.

*Nistgħu nsemmu xi qwiel li jitkellmu dwar "iż-żmien".*

*Eż:*

1. *Iż-żmien għaddej u dejjem taħseb filli ġej. (La darba ż-żmien jgħaddi malajr, jaqbel naħsbu għall-futur.)*
2. *Iż-żmien jiekol is-snien. (Iż-żmien jeqred kollox.)*
3. *Iż-żmien lil ħadd ma jsellem, u ħiemed jgħaddi bla ma jsellem. (Iż-żmien jibqa' għaddej bla ma jagħti kas ta' ħadd.)*
4. *L-imgħoddi nsieh u li ġej ftakar fih. (Li sar sar; agħti aktar kas ta' dak li għad irid jiġi.)*
5. *Il-baħar ftit ftit jiekol ix-xatt. (Bi ftit kuljum tagħmel ħwejjeġ kbar.)*

---

## **Vapur**(p52)

Din hija poeżija maħsuba għal tfal kbar.
Bħalma b'mod fantastiku (permezz ta' vapur magħmul minn karti kollha żbalji), il-poeta wasal fejn xtaq jasal, hekk ukoll aħna nistgħu nitgħallmu mill-iżbalji li nwettqu biex b'hekk nikbru, nissaħħu u nilħqu l-ideali tagħna. L-istess żbalji li nagħmlu, jistgħu jservuna ta' opportunità.

---